**MALTA**
**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 79/09VG**

**Lawrence Pisani, Elizabeth Pisani, Vincent Sciberras u Pauline Sciberras**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 15 ta' Ottubru 2015**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Lawrence Pisani, Elizabeth Pisani, Vincent Sciberras u Pauline Sciberras fil-15 ta' Frar 2007 quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitolbu li jigu ezentati milli jhallsu l-ammont ta' Lm3,360, illum ekwivalenti ghal €7,826.69, jew kwalsiasi somma ohra bhala taxxa rigwardanti il-bejgh tal-fond "Antonio Staggers" Triq Mosta, San Pawl il-Bahar;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa dwar it-trasferiment ta' l-immobbli a favur tar-Rikorrenti in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Abela datat 19 ta' Gunju 1998, hija gusta u timmerita konferma;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "A" sa' Dok. "D";

Ra l-affidavit tar-Rikorrent Lawrence Pisani esebit permezz ta' Nota ipprezentata fl-20 ta' Mejju 2011, sema' x-xhieda ta' Romwald Attard, rapprezentant tal-Bank of Valletta p.l.c., moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2011, u x-xhieda tar-Rikorrenti Vincent Sciberras moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2011, sema' x-xhieda tan-Nutar Anthony Abela u tal-Perit Censu Galea moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2012 u x-xhieda ta' Ivan Portelli, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, moghtija waqt is-

seduta tat-18 ta' Gunju 2012 u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "IP1" u Dok. "IP2", u sema' x-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2013;

Ra d-dokumenti, ossia zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Anthony Abela entrambe datati 19 ta' Gunju 1998, esebiti mir-Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fit-30 ta' Mejju 2012 u ra d-dokument Dok. "KTI" esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota pprezentata fit-18 ta' Ottubru 2012 u id-dokument Dok. "CC" ukoll esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota ipprezentata fit-22 ta' Jannar 2013;

Ra li b'Digriet moghti fid-9 ta' Frar 2012 it-Tribunal ordna li ssir korrezzjoni fl-okkju ta' dawn il-proceduri u kull fejn mehtieg fl-atti fis-sens illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigi indikat bhala l-Kummissarju tat-Taxxi u dana a tenur ta' l-Att XXII ta' l-2011 li dahal fis-sens bl-Avviz Legali 16 ta' l-2012;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti jikkontestaw Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in konnessjoni ma' l-akkwist tal-fond "Antonio Staggers", Triq Mosta, San Pawl il-Bahar, bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Abela datat 19 ta' Gunju 1998, in forza ta' liema qed jigu mitluba jhallsu s-somma ta' Lm1,120, illum ekwivalenti ghal €2,608.90, bhala taxxa fuq il-valur taxxabbli addizzjonali ta' Lm16,000, illum ekwivalenti ghal €37,269.97, u s-somma ta' Lm2,240, illum ekwivalenti ghal €5,217.80, bhala taxxa addizzjonali, ghall-ammont totali ta' Lm3,360, illum ekwivalenti ghal €7,826.69. Huma jikkontendu li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontrihom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija eccessiva ghaliex: (i) *huma bl-ebda mod ma evitaw li jhallsu xi taxxa, izda hallsu dak dovut fuq il-prezz ta' Lm40,000 li bih xtraw dirett minghand il-Bank of Valletta;* (ii) *fit-trattivi tal-bejgh kien involt ukoll il-Lombard Bank li hallas hu l-flus lill-Bank of Valletta;* (iii) *dan sehh minhabba l-fatt li l-proprjetarji tal-fond u cioè Anthony u Pauline Dowling kellhom debitu ma' l-istess Bank of Valletta*; (iv) *il-fatt li kienu involuti f'dan il-bejgh zewg banek, zgur li ma setghax kien hemm lok ta' xi loghob fil-prezz*; (v) *ix-xerrejja xtraw bi prezz gust specjalment meta wiehed iqis li l-fond in vendità kien ilu maghluq u mhux uzat ghal hames (5) snin u kien fi stat ta' deteriorazzjoni qawwija tant li l-paviment kien sfronda, il-pipes ta' l-ilma u l-gas kienu maqsumin etc.*; (vi) *dwar dawn il-fatti jixhdu l-Perit Censu Galea MP u n-Nutar Tony Abela MP li accedew fil-post u ghamlu anke rapport u stimi lill-Lombard Bank.*

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jikkontesta l-appell tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontrihom u jitlob li l-istess jigi michud stante li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa hija gusta u timmerita konferma.

Mill-provi prodotti u senjatament mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Abela datat 19 ta' Gunju 1998 – esebit mir-Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fit-30 ta' Mejju 2012 – jirrizulta li r-Rikorrenti akkwistaw minghand Anthony u Pauline konjugi Dowling il-fond "Antonio Staggers" maghruf ukoll bhala "Ta' Mannani", fi Triq Mosta, San Pawl il-Bahar, versu l-prezz dikjarat ta' Lm40,000, illum ekwivalenti ghal €93,174.94. B'hekk kuntrarjament ghal dak affermat mir-Rikorrenti fir-Rikors promotur, l-akkwist ma sarx minghand il-Bank of Valletta izda sar direttament minghand il-konjugi Dowling. Il-Bank of Valletta kien wiehed mill-kredituri tal-konjugi Dowling, li fiz-zmien in kwistjoni kellu pendenti kontra l-istess konjugi Dowling proceduri ghall-bejgh in subbasta tal-fond in kwistjoni. Li gara kien li bis-sahha tal-prezz ta' trasferiment diversi kredituri tal-konjugi Dowling, ossia Lohombus Bank Limited, Bank of Valletta p.l.c u John Mary u Maria Carmela konjugi Borg, taw il-kunsens taghhom ghall-kancellament ta' diversi ipoteki li kienu jiggravaw l-imsemmi fond b'dana li l-istess fond gie trasferit lir-Rikorrenti *as free from any rights in favour of third party, and free from any litigation ... as free from any debts and/or hypothecs*[1].

Ir-Rikorrenti jikkontendu li ladarba kien hemm zewg banek involuti f'dan in-negozju, ossia l-Lombard Bank Malta p.l.c. minghand min ottjenew il-finanzjament ghall-akkwist tal-fond in kwistjoni u l-Bank of Valletta p.l.c. kreditur tal-vendituri, ma setghax kien hemm lok ta' *xi loghob fil-prezz*. Già fl-oggezzjoni taghhom ghall-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kienu ssottomettew illi *l-proprjetà inxtrat meta kienu qed isiru proceduri tas-subbasta kontra s-sid ta' qabel u wiehed jista' jivverifika mal-Bank of Valletta p.l.c. l-istima li kellhom ta' l-istess li kienu qed juzaw ghal skopijiet ta' Qorti*[2]. Fir-Rikors promotur jaffermaw ukoll illi l-Perit Censu Galea u n-Nutar Anthony Abela kienu accedew fil-fond in kwistjoni u ghamlu anke rapport u stimi lill-Lombard Bank.

Dwar dan kollu però ma ngabet l-ebda prova da parte tar-Rikorrenti li, ai termini ta' l-Artikolu 58(3) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom l-oneru li jippruvaw li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi hija eccessiva. In effetti r-Rikorrenti ma ressqu l-ebda prova dwar l-istima tal-fond in kwistjoni relattiva ghall-proceduri ghall-bejgh in subbasta ta' l-istess fond, ghad illi tali atti tal-Qorti jkunu facilment ikunu disponibbli, u lanqas ma ressqu l-ebda prova dwar ir-rapporti u stimi li l-Perit Galea u/jew in-Nutar Abela setghu ghamlu ghall-fini tal-finanzjament minghand il-Lombard Bank Malta p.l.c.. Bhala fatt ghalkemm ir-Rikorrenti harrku bhala

[1] Klawsola Nru. 3 u Klawsola Nru. 4 tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Abela datat 19 ta' Gunju 1998.
[2] Ittra ta' oggezzjoni datata 6 ta' April 1999, Dok. "C" annessa mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

xhud kemm lir-rapprezentant tal-Bank of Valletta p.l.c. kif ukoll lir-rapprezentant tal-Lombard Bank Malta p.l.c., entrambe dawn ix-xhieda iddikjaraw li t-tahrika li rcevew ma kienx fiha bizzejjed dettal fuq xiex setghu jibbazaw ir-ricerki taghhom u ghalkemm stiednu lir-Rikorrenti biex jergghu iharkuhom b'iktar dettal dawn ghal xi raguni li jafu huma biss ma ghamlux u ma regghux harku lill-istess xhieda biex jixhdu quddiem it-Tribunal[3]. Ir-Rikorrenti harrku wkoll bhala xhieda lin-Nutar Anthony Abela u lill-Perit Censu Galea[4] izda ebda wiehed minnhom ma ddikjara li ghamel xi rapport jew stima ghall-finijiet ta' wiehed min jew addirittura taz-zewg Banek involuti. Mix-xhieda tan-Nutar Abela jirrizulta biss li huwa ghamel l-oggezzjoni mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghan-nom tar-Rikorrenti wara li rcevew il-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni u mix-xhieda tal-Perit Censu Galea jirrizulta li huwa ma ntalabx jaghmel stima bil-miktub tal-valur tal-fond izda biss intalab parir dwar il-valur li kien qed jigi negozjat bejn il-partijiet, dwar liema parir però ma qal xejn iktar, u gie mitlub ukoll jaghmel *condition report* tal-fond in kwistjoni, liema *condition report* però jekk sar ma giex esebit.

Il-kondizzjoni tal-fond fiz-zmien immedjatament qabel l-akkwist tifforma l-bazi ta' l-aggravju l-iehor fuq liema r-Rikorrenti jibbazaw l-appell taghhom mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontrihom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. In effetti, kif già iktar 'l fuq osservat, ir-Rikorrenti jikkontendu li *ix-xerrejja xtraw bi prezz gust specjalment meta wiehed iqis li l-fond in vendita kien ilu maghluq u mhux uzat ghal hames (5) snin u kien fi stat ta' deterjorazzjoni qawwija tant li l-paviment kien sfronda, il-pipes ta' l-ilma u il-gas kienu maqsumin etc.* Fil-fehma tat-Tribunal però anke fir-rigward ta' dan l-aggravju r-Rikorrenti naqsu milli jressqu prova sodisfacenti ta' l-istess.

Fl-affidavit tieghu r-Rikorrent Lawrence Pisani[5] ddikjara *dan il-fond kien ilu maghluq ghal kwazi sena u meta xtrajnih il-kundizzjoni tieghu kienet fi stat hazin hafna tant li kellna nqabbdu kuntrattur sabiex jaghmel diversi xoghlijiet ta' manutenzjoni f'dan il-fond, fosthom, tbiddil tal-katusi tad-drenagg, rinforzar ta' l-art li kienet sfrondat u tqeghid ta' madum gdid, u saret kcina gdida inklusi madum tal-hajt. Dan ix-xoghol kien beda ezatt malli ffirmajna l-konvenju u konna ghamilna hekk minhabba l-ammont kbir ta' xoghol li kien irid isir fil-post qabel inkun nistghu nergghu nifthu ghal business. Infatti ahna konna dhalna f'dan il-fond fl-14 ta' Marzu 1998 u l-kuntratt finali ta' xiri konna iffirmajnih fid-19 ta' Gunju 1998. Minhabba l-kundizzjonijiet tal-Bank Loan li kellna mal-BOV, permezz ta' liema konna hallasna ghal dak l-akkwist, ix-xoghol ta' manteniment kellu jsir malajr kemm jista' jkun sabiex inkunu nistghu nifthu dan il-post ghall-pubbliku u inkompli bl-avvjament tal-fond. In fatti niftakar li konna ftahna l-post ghal business fl-4 ta' Lulju tas-sena 1998. Meta l-Perit mqabbad mid-dipartiment*

---

[3] Xhieda moghtija minn Romwald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2011 u dikjarazzjoni ta' Jeannette Lepre in rapprezentanza tal-Lombard Bank Malta p.l.c. waqt l-istess imsemmija seduta.
[4] Entrambe xehdu waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2012.
[5] Esebit permezz ta' Nota pprezentata fl-20 ta' Mejju 2011.

*tat-taxxi kien zar il-proprjetà ix-xoghol ta' manteniment kien lahaq sar u l-fond rega' nfetah ghax-xoghol. Ghalhekk meta kien ghamel site inspection dan il-perit huwa sab il-post fi stat ferm differenti minn dak li kien fih meta akkwistajnih ahna. Minhabba dawn ix-xoghlijiet li kienu saru, il-post kien inghata dehra gdida u wiehed kien se jiehu l-impressjoni li dan il-post kien mizmum f'istat tajjeb hafna meta fil-fatt kien il-manteniment li sar fuqu sussegwentement ghal akkwist tieghu li kien biddel dan il-post.*

Ir-Rikorrenti Vincent Sciberras[6] xehed illi *il-fond mertu ta' dawn il-proceduri konna akkwistajnih fil-bidu tal-1998. Jiena niftakar li jiena, il-mara, Lawrence Pisani u dak iz-zmien il-mara tieghu konna interessati dak iz-zmien li niehdu restaurant flimkien. Darba minnhom rajna avviz fil-gazzetta rigward restaurant li kien ghall-bejgh. Morna narawh u nghid li dan il-fond kien fi stat hazin hafna. Kien hemm l-art sfrundata, id-drenagg ma jahdimx u l-ilma u d-dawl maqtughin. Kien fih bzonn ta' tikhil u affarijiet varji. Ahna offrejna li jitnaqqas il-prezz li kien qed jitlob il-venditur sabiex inkunu nistghu nirrangawh ahna. Jiena kont mort ghand in-Nutar Toni Abela fir-rigward ta' dan it-trasferiment u niftakar fic-car li kien qalli biex noqghod attent minhabba l-posizzjoni finanzjarja tal-venditur li kien Anthony Dowling. Kien qalli wkoll biex noqghod attent li jkun hemm il-permessi kollha f'posthom. Ahna l-post konna xtrajnih ghall-prezz ta' Lm40,000. Il-prezz li kien qed jitlob Dowling nghid li ma niftakarx. Jista' jkun li kien Lm50,000 madanakollu ma niftakarx sew. Ghall-akkwist ta' dan ir-restaurant ahna hadna self mill-bank. Kull ma konna hrigna mill-flus personali taghna f'dak l-istadju kien id-deposit li hallasna fuq il-konvenju. Bejn il-konvenju u l-kuntratt ahna konna ddecidejna li nibdew nahdmu fil-fond sabiex nibdew nirrangawh. In-nutar kien hassarli ghax jekk ghal xi raguni ahna ddecidejna li nibqghu ghaddejjin bit-tiswijiet. Jekk niftakar sew il-konvenju kien sar lejn l-ahhar ta' Gunju 1998. Il-post ilhaqna rrangajnih fil-mori tal-konvenju u tant hu hekk li fl-4 ta' Lulju 1998 ahna ftahna l-post. Meta l-perit tad-dipartiment kien gie fuq il-post ghall-finijiet ta' valutazzjoni ta' l-istess post, dan kien gia miftuh.*

In-Nutar Anthony Abela[7] xehed illi r-Rikorrenti *kienu xtraw l-Antonio Staggers. Imkisser kien meta xtrawh. … fil-fatt il-proprjetà kienet inbieghet bla garanzija ta' hsarat latenti u jien niftakar ghax il-familja tal-mara tas-Sur Sciberras hija habiba hafna tal-familja u konna anke morna hemmhekk meta kienu qed jaqilghu, ghax kienu qed jaqilghu l-art kollha ghax kienet nizlet. Hemmhekk hemm problema ta' tafal kbir f'Msota Road, San Pawl il-Bahar u kienu regghu ghamlu l-konkos taht, kienu regghu ghamlu l-madum u niftakar kienu ghamlu data biex jifthu u dawn spiccaw bis-Sibt u l-Hadd filghaxija b'kollox jahdmu biex igibu dan il-post in order.*

---

[6] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2011.
[7] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2012.

Ghalkemm mix-xhieda tar-Rikorrenti Pisani u Sciberras u mix-xhieda tan-Nutar Abela donnu jidher li l-fond in kwistjoni kien fi stat hazin hafna, tant illi in-Nutar jghid li l-fond gie trasferit minghajr il-garanzija ghad-difetti latenti – affermazzjoni din ripetuta mir-Rikorrenti waqt it-trattazzjoni orali - u allura il-prezz ta' Lm40,000 dikjarat fil-kuntratt ta' trasferiment huwa fic-cirkostanzi wiehed gust, dak li jirrizulta mix-xhieda tal-Perit Censu Galea u iktar u iktar mill-kuntratt ta' trasferiment innifsu jikkontradici dan b'mod assolut.

In effetti fejn it-tlett xhieda imsemmija jenfasizzaw fuq l-istat hazin tal-fond – bin-Nutar Abela jghid li r-Rikorrenti akkwistaw il-fond imfarrak u, jigi ribadit, minghajr il-garanzija ghad-difetti latenti, il-Perit Galea[8] mistoqsi *Kif tiddeskriviha l-kundizzjoni tal-post dakinhar illi rajtu?* u *kien hemm xi tibdil strutturali fuq il-post? Tiftakar forsi, naf li ghaddew ghaxar snin, imma tiftakar x'kienu l-elementi li bidlu lil dan il-post?* irrisponda *tipikament ta' post li kien ilu ftit taz-zmien maghluq, ma niftakarx jekk kienx hemm, jien il-post kont nafu qabel ma fil-fatt mort, mas-sid ta' qabel gieli kont prezenti fil-post biex niftehmu. Il-post kien ilu ftit taz-zmien maghluq, u meta jkollok post maghluq, kien hemm stat ta' abbandun fil-post kollu kemm hu. … Jekk tibdil strutturali nifhmu hsarat fil-post per se, dak ma jidhirlix li kien hemm, però imbaghad l-art u anke s-sistema tad-dawl u l-ilma kienu ftit kundizzjoni hazina, imbaghad il-madum kien maqlugh f'hafna mill-partijiet tieghu* – xhieda din li ma tirriflettix l-allegazzjoni ta' fond fi stat hazin hafna kif invece pretiz mir-Rikorrenti u min-Nutar Abela.

It-Tribunal qara bir-reqqa l-kuntratt ta' trasferiment fl-atti tan-Nutar Anthony Abela datat 19 ta' Gunju 1998 esebit mir-Rikorrenti permezz ta' Nota ipprezentata fit-30 ta' Mejju 2012, u minn imkien ma jirrizulta li l-vendituri konjugi Dowling ittrasferew il-fond in kwistjoni a favur ir-Rikorrenti minghajr il-garanzija ghad-difetti latenti. A tenur ta' l-Artikolu 1424 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *l-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi ix-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom.* L-uniku mod kif il-bejjiegh jista' jehles mill-effetti ta' tali obbligazzjoni huwa billi espressament jiftiehem mal-kompratur li tali garanzija ma hijiex qed tinghata, hekk kif provdut fl-Artikolu 1426 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *huwa* [ossia l-bejjiegh] *jwiegeb ghad-difetti li ma jidhrux, ukoll jekk ma kienx jaf bihom, <u>kemm-il darba ma jkunx ftiehem li, f'dan il-kaz, m'ghandux ikun obbligat ghal ebda garanzija</u>*[9]. B'hekk fin-nuqqas ta' tali ftehim espress, ftehim li fil-kaz in ezami ma jirrizultax, ir-Rikorrenti ma jistghux jippretendu li jsostnu b'success li l-fond minnhom akkwistat tant kien fi stat hazin li l-vendituri ittrasferewlhom l-istess minghajr il-garanzija ghad-difetti latenti.

---

[8] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2011.
[9] Sottolinear tat-Tribunal.

Filwaqt li t-Tribunal hu propens li jemmen li saru xi xoghlijiet mir-Rikorrenti fil-fond in kwistjoni, ma jistax jasal ghall-konkluzzjoni minnhom pretiza li fid-dawl ta' l-entità tax-xoghlijiet mehtiega l-valur ta' Lm40,000 dikjarat fil-kuntratt ta' l-akkwist huwa l-valur reali tal-fond in kwistjoni filwaqt li l-valur ta' Lm56,000 stmat mill-Perit Carmel Cacopardo ghan-nom tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni a bazi tal-qies u kundizzjoni tal-post fiz-zmien ta' l-access da parte tieghu u a bazi l-fatt li l-istess fond huwa soggett ghal cens perpetwu mhux revedibbli[10], huwa valur eccessiv. It-Tribunal ma jistax jasal ghal tali konkluzzjoni ghar-raguni li r-Rikorrenti baqghu ma pprezentaw l-ebda prova tax-xoghlijiet minnhom allegatament esegwiti, iktar u iktar meta fix-xhieda ta' Lawrence Pisani u ta' Vincent Sciberras jinghad li dawn ix-xoghlijiet gew esgwiti fil-mori tal-konvenju u mhux wara l-akkwist proprio kif minnhom originarjament dikjarat fl-oggezzjoni ghall-Likwidazzjoni ta' Taxxa, minn liema tista' tigi determinata l-entità ta' tali xoghlijiet u kif l-istess timpingi fuq il-valur reali tal-fond trasferit.

Fir-rigward ir-Rikorrent Lawrence Pisani ddikjara li *minhabba* ***z-zmien li ghadda (aktar minn ghaxar snin) minn meta saru dawn ix-xoghlijiet***[11] *u l-fatt li sussegwentement dan il-fond kont beghtu m'ghandix dokumenti fil-pussess tieghi biex nipprova l-ammont ta' xoghol li kien sar f'dan il-fond.* Din il-kontestazzjoni tar-Rikorrent Lawrence Pisani però ma tregix ghar-raguni li mill-provi prodotti jirrizulta li l-Perit Carmel Cacopardo acceda fil-fond in kwistjoni ghall-fini li jistma l-istess fl-**10 ta' Awwissu 1998**[12], ossia biss ftit gimghat wara li r-Rikorrenti allegatament esegwew ix-xoghlijiet fil-fond, u pprezenta r-Rapport tieghu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-**11 ta' Awwissu 1998**[13] bil-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa tinhareg fil-konfront tar-Rikorrenti fit-**22 ta' Marzu 1999**, kwindi kollox fi zmien inqas minn sena minn meta gew esegwiti l-allegati xoghlijiet. Ladarba l-pendenza mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ilha ghaddejja certament sa' mit-22 ta' Marzu 1999, id-data tal-hrug tal-Likwidazzjoni tat-Taxxa fil-konfront tar-Rikorrenti, Lawrence Pisani u r-Rikorrenti l-ohra ma humiex gustifikati f'li jippruvaw jiggustifikaw in-nuqqas assolut ta' prova da parte taghhom a bazi ta' l-affermazzjoni li *minhabba z-zmien li ghadda (aktar minn ghaxar snin) minn meta saru dawn ix-xoghlijiet u l-fatt li sussegwentement dan il-fond kont beghtu m'ghandix dokumenti fil-pussess tieghi biex nipprova l-ammont ta' xoghol li kien sar f'dan il-fond.* Ma hemm l-ebda dubju li kien fl-interess assolut taghhom li jzommu din id-dokumentazzjoni relattiva ghax-xoghlijiet esegwiti fil-fond in kwistjoni – kemm-il darba verament kienet tezisti – sabiex jippruvaw b'mod sodisfacenti, kif del resto minnhom mehtieg mill-Ligi, li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront taghhom hija eccessiva.

[10] Xhieda moghtija mill-Perit Carmel Cacopardo waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2013.
[11] Enfasi ta' l-istess Rikorrent Lawrence Pisani kif jirrizulta mill-affidavit tieghu esebit permezz ta' Notaipprezentata fl-20 ta' Mejju 2011.
[12] Xhieda moghtija mill-Perit Carmel Cacopardo waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2013 u Dok. "IP2" esebit minn Ivan Portelli in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni waqt is-seduta tat-18 ta' Gunju 2012.
[13] *Ibid.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li l-appell tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in konnessjoni ma' l-akkwist tal-fond "Antonio Staggers" Triq Mosta, San Pawl il-Bahar, bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Abela datat 19 ta' Gunju 1998, ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in konnessjoni ma' l-akkwist tal-fond "Antonio Staggers" Triq Mosta, San Pawl il-Bahar, bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Abela datat 19 ta' Gunju 1998, u minflok jikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa.

L-ispejjez tal-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**